PDF Compressor Pro





*Il-Vapur, Ta' Pinu, tal-Kumpanija 'Gozo Channel', li kien qed jittrasporta lura l-kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu, jidher dieħel il-Port tal-Mġarr. Jakkumpanjawh kien hemm mat-800 pellegrin Malti, fosthom in-Nunzju Apostoliku għal Malta, Mons. Tommaso Caputo, l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona, l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca u Isqfijiet oħra.*

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**

# Ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu lura f'Għawdex

Mijiet ta' pellegrini kemm fil-Port tal-Mġarr kif ukoll f'diversi rħula laqgħu b'entużjażmu, b'ċapċip u b'offerta ta' bukketti ta' fjuri, ix-xbiha tal-Madonna Ta' Pinu, meta ngħabet lura Għawdex minn Malta, bil-vapur tal-Kumpanija *Gozo Channel,* Ta' Pinu, nhar il-Ġimgħa 23 t'April, filgħaxija.

Il-kwadru kien ttieħed fuq il-Fosos tal-Furjana nhar il-Ħadd 18 t'April, filgħodu, għall-quddiesa li ċċelebra l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.

Jilqgħuh fl-Mġarr flimkien mal-poplu, kien hemm ukoll Mons Isqof Mario Grech u l-Arċiprieti tal-Parroċċi tal-Qala u tan-Nadur li poġġew ukoll bukketti ta' fjuri quddiem ix-xbiha tal-Madonna.

Il-kwadru twassal f'*carcade* fl-inħawi Ta' Pinu minn fejn bdiet purċissjoni lejn is-Santwarju, bis-sehem ta' saċerdoti u fratellanzi Marjani mill-parroċċi Għawdxin. Imbagħad fil-Pjazza tas-Santwarju, l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona mexxa quddiesa pontifikali flimkien man-Nunzju Appostoliku, l-Eċċ. Tiegħu, Mons. Tommaso Caputo, l-Isqof t'Għawdex, l-E.T. Mons. Mario Grech, l-Arċisqof Emeritu, l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, l-Isqof Emeritus, l-E.T. Mons. Nikol Cauchi u Isqfijiet oħra.

Lejn tmiem il-funzjoni, in-Nunzju Appostoliku, l-E.T. Mons. Caputo, qara talba lil Madonna, miktuba minnu stess.



*Mal-wasla tax-Xbieha tal-Madonna Ta' Pinu, fil-Parroċċa t'Għajnsielem. Jidher l-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada jippreżenta bukkett ward lil Marija għan-nom tal-Għajnselmiżi*



*It-tenur Joseph Camilleri jkanta s-Salm Responsorjali*



*Il-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu George Abela jitkellem mar-Rettur tas-Santwarju Fr Gerard Buhagiar, hekk kif il-pellegrini waslu fil-Pjazza tas-Santwarju*



*Swor Annie Borg tidher taqra l-ewwel lezzjoni*



*Waqt il-qari tat-tieni lezzjoni mis-Seminarista Mark Bonello mix-Xagħra*



*Il-qari tal-Vanġelu mid-Djaknu Naduri Noel Debono*



*Mons. Arċisqof Pawlu Cremona waqt l-Omelija tal-okkażjoni*



*Lejn tmiem il-funżjoni reliġjuża fil-Pjazza tas-Santwarju, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta, jagħmel talba speċjali lil Madonna Ta' Pinu, miktuba minnu stess*